VERŻJONI ELETTRONIKA

MALTA

ATT Nru XXXVII tal-2018

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar in-Negozji tal-Familja, Kap. 565.

ACT No. XXXVII of 2018

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Family Business Act, Cap. 565.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
President

6 ta' Novembru, 2018

ATT Nru XXXVII tal-2018

ATT biex jemenda l-Att dwar in-Negozji tal-Familja, Kap. 565.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa Att tal-2018 li jemenda l-Att dwar in-Negozji tal-Familja u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar in-Negozji tal-Familja, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 565.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ekonomija jista' permezz ta' avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew taħt xi liġi oħra" għandhom jiżdiedu l-kliem "li tirreferi għan-negozji tal-familja"; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) Negozju għandu jkun eliġibbli biss sabiex jibbenefika minn kwalunkwe inċentiv, benefiċċju jew skema disponibbli għan-negozji tal-familja, li jistgħu minn żmien għal żmien jidħlu fis-seħħ, jekk ikun reġistrat kif suppost bħala negozju tal-familja.

(7) Fl-għoti ta' benefiċċji lin-negozji tal-familja, il-Gvern jew kwalunkwe entità oħra għandhom jikkonsultaw u jistgħu joqogħdu fuq l-informazzjoni misjuba fir-Reġistru stabbilit skont l-artikolu 26 ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "fit-Tieni Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Ewwel Skeda";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-prospett annwali ta' negozju tal-familja għandu jkopri sena kalendarja mill-ewwel ġurnata ta' reġistrazzjoni sa l-ewwel sena mid-data ta' reġistrazzjoni."; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Żieda ta' artikolu ġdid 17A fl-Att prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Personalità ġuridika tar-Regolatur.

17A. (1) Ir-Regolatur għandu jkollu personalità ġuridika separata u distinta u għandu jkun kapaċi, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li jidħol f'kuntratti, jakkwista, iżomm u jiddisponi minn kwalunkwe tip ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek u jiġi mħarrek, u li jwettaq dawk il-ħwejjeġ kollha u jidħol f'dawk it-transazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jistgħu jwasslu għall-eżerċizzju jew għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, inkluż li jsellef jew jissellef il-flus:

Iżda r-Regolatur m'għandux ikollu s-setgħa li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) jissellef jew isellef xi flus jekk mhux bl-awtorità u bil-ftehim bil-miktub tal-Ministru u tal-Ministru responsabbli għall-finanzi; jew

(b) jidħol f'xi forma ta' soċjetà kummerċjali għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu jew għal xi raġuni oħra, jekk ma jkunx awtorizzat li jagħmel dan bil-miktub mill-Ministru; jew

(ċ) b'xi mod jiddelega kwalunkwe mill-funzjonijiet tiegħu, għajr kif stabbilit permezz jew taħt dan l-Att.

(2) Ir-rappreżentanza legali tar-Regolatur għandha tkun vestita fir-Regolatur stess:

Iżda r-Regolatur jista' jaħtar kwalunkwe mill-uffiċjali jew impjegati tiegħu sabiex jidhru f'isem u għan-nom tar-Regolatur fi kwalunkwe proċedimenti ġudizzjarji u għal kwalunkwe att, kuntratt, strument jew dokument ieħor ikun li jkun.".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

5. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (j) tiegħu għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"(j) jinkoraġġixxi u jippromwovi s-settur tan-negozji tal-familja billi jikkomunika, ixerred u jidħol f'kuntatt ma' partijiet interessati dwar aħbarijiet u tagħrif rilevanti għas-settur;"; u

(b) fil-paragrafu (k) tiegħu, il-kelma "jidħlu" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "iqisu l-benefiċċji li jidħlu".

Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali, il-kliem " "it-Tikketta tan-Negozju tal-Familja" u t-tikketta tan-negozju tal-familja" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem " "in-Numru tan-Negozju tal-Familja" u n-numru tan-negozju tal-familja".

Emenda tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali.

7. L-artikolu 28 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "id-dokumenti mniżżla fl-Ewwel Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "applikazzjoni bid-dokumenti rikjesti"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "preskritta fl-Ewwel Skeda lir-Regolatur." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem

VERŻJONI ELETTRONIKA

"provduta mir-Regolatur.".

Sostituzzjoni tal-Ewwel Skeda tal-Att prinċipali.

8. L-Ewwel Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-Ewwel Skeda
(Artikolu 13)
Prospett Annwali

1. Għan.

L-għan ta' dan il-prospett annwali hu li jipprovdi lir-Regolatur u lil kwalunkwe awtorità kompetenti b'informazzjoni aġġornata dwar in-negozju rreġistrat tal-familja, li qed jibbenefika minn inċentivi bis-saħħa ta' dan l-Att.

2. Kontenut u Forma.

Il-kontenut u l-forma tal-prospett annwali li kull negozju tal-familja għandu jippreżenta lir-Regolatur kull sena huwa dan li ġej:

Kontenut u forma tal-Prospett Annwali tan-negozju rreġistrat tal-familja

(a) Prospett annwali ta' ..... (*daħħal l-isem uffiċjali tan-negozju*)

(b) Numru tan-Negozju tal-Familja:

(ċ) Isem u Pożizzjoni tal-Persuna ta' Kuntatt:

(d) Bdil fl-istruttura tan-negozju tal-familja fl-aħħar sena:

Dikjarazzjoni ta' Kompletezza u Korrettezza

B'dan nikkonfermaw illi d-dettalji pprovduti huma kompluti u veritiera fil-kontenut tagħhom.

Firma tar-Rappreżentant tan-Negozju tal-Familja:

Isem u Kunjom:

Data:".

VERŻJONI ELETTRONIKA

9. It-Tieni Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi mħassra. Tħassir tat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 155 tal-1 ta' Novembru, 2018.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati